



**UNJONI EWROPEA**

**IL-PARLAMENT EWROPEW**

**IL-KUNSILL**

**Brussell, 27 ta' Novembru 2020  
(OR. en)**

**2020/0176 (COD)**

**PE-CONS 43/20**

**UD 315  
UK 73  
PREP-BXT 26  
WTO 286  
CODEC 1053**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

**Suġġett:** **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-applikazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni u ta' kwoti oħra tal-importazzjoni**

**REGOLAMENT (EU) 2020/...**  
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ta' ...**

**dwar l-applikazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni u ta' kwoti oħra tal-importazzjoni**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>1</sup>,

---

<sup>1</sup> Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal- ....

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-“Ftehim dwar il-Ħruġ”) ġie konkluż f'isem l-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135<sup>1</sup> u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.
- (2) L-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq anness mal-Ftehim dwar il-Ħruġ (il-“Protokoll”) itenni li l-Irlanda ta' Fuq hija parti mit-territorju doganali tar-Renju Unit u li xejn fil-Protokoll ma jipprevjeni lir-Renju Unit milli jinkludi lill-Irlanda ta' Fuq fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-Iskedi ta' Konċessjonijiet tagħha annessi mal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 (GATT 1994).
- (3) L-Artikolu 13(1) tal-Protokoll jipprevedi li, minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra tal-Protokoll, kwalunkwe referenza għat-territorju doganali tal-Unjoni fid-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Protokoll jew fid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni magħmula applikabbli għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq permezz tal-Protokoll għandha tinqara bħala li tinkludi t-territorju tal-art tal-Irlanda ta' Fuq.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1).

- (4) Skont l-Artikolu 5(3) tal-Protokoll, il-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni kif definita fil-punt 2 tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> tapplika għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Dawk id-dispożizzjonijiet, moqrija flimkien mal-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Artikolu 5(1) tal-Protokoll fir-rigward ta' merkanzija li tidħol fl-Irlanda ta' Fuq minn barra l-Unjoni, ifissru li l-miżuri tariffarji tal-Unjoni, inklużi l-kwoti tariffarji skont it-Tariffa Doganali Komuni jew il-ftehimiet internazzjonali rilevanti, ikunu applikabbli għal tali merkanzija fejn dik il-merkanzija titqies f'riskju li sussegwentement tiġi mċaqalqa lejn l-Unjoni. Dawk il-kwoti tariffarji jinkludu kwoti tariffarji tal-importazzjoni fl-iskedi ta' impenji tal-Unjoni taħt il-GATT 1994, kwoti tariffarji tal-importazzjoni miftiehma fil-ftehimiet internazzjonali bilaterali tal-Unjoni, inklużi kwoti ta' deroga tal-oriġini, kwoti tariffarji tal-importazzjoni skont ir-reġimi ta' difiża kummerċjali tal-Unjoni, kwoti tariffarji awtonomi oħra tal-importazzjoni u kwoti tariffarji tal-esportazzjoni previsti fi ftehimiet ma' pajjiżi terzi.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

- (5) Skont l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll, tapplika wkoll il-liġi tal-Unjoni elenkata fl-Anness 2 tal-Protokoll għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness. Dak l-Anness jinkludi leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tipprevedi ċerti kwoti tal-importazzjoni.
- (6) L-arranġamenti bilaterali bejn l-Unjoni u r-Renju Unit taħt il-Protokoll ma jagħtux lok għal drittijiet u obbligi għal pajjiżi terzi. Konsegwentement, kwalunkwe importazzjoni skont il-kwoti tariffarji tal-importazzjoni tal-Unjoni jew kwoti oħra tal-importazzjoni li japplikaw għal merkanzija li toriġina minn pajjiż terz li tiddaħħal fl-Irlanda ta' Fuq ma tistax tiġi attribwita għad-drittijiet ta' dak il-pajjiż terz fil-konfront tal-Unjoni, sakemm ma jkunx hemm qbil dwar dan mill-pajjiż terz. Din is-sitwazzjoni toħloq riskju għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-Unjoni u għall-integrità tal-Politika Kummerċjali Komuni billi tippermetti l-evazzjoni possibbli tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni jew ta' kwoti oħra tal-importazzjoni.
- (7) Sabiex jiġi indirizzat dak ir-riskju, il-kwoti tariffarji tal-importazzjonijiet tal-Unjoni u kwoti oħra tal-importazzjoni jenħtieġ li jkunu disponibbli biss għal merkanzija importata u rilaxxata fiċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni u mhux fl-Irlanda ta' Fuq.

- (8) Kwalunkwe ftehim bejn l-Unjoni u pajjiż terz li jipprevedi kwoti tariffarji tal-esportazzjoni japplika biss għall-merkanzija importata fl-Unjoni. Għalhekk, dak il-pajjiż terz jista' jirrifjuta li joħroġ liċenzji tal-esportazzjoni għal importazzjonijiet diretti lejn l-Irlanda ta' Fuq.
- (9) Bis-saħħa tal-Artikolu 5(3) u (4) tal-Protokoll flimkien mal-Artikolu 13(3) tiegħu, dan ir-Regolament japplika wkoll għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

Il-merkanzija importata minn barra l-Unjoni għandha tkun eliġibbli għal trattament skont il-kwoti tariffarji tal-importazzjoni tal-Unjoni jew kwoti oħra ta' importazzjoni jew skont kwoti tariffarji tal-esportazzjoni applikati minn pajjiżi terzi biss jekk dik il-merkanzija tiġi rilaxxata f'ċirkolazzjoni libera fit-territorji li ġejjin:

- it-territorju tar-Renju tal-Belġju,
- it-territorju tar-Repubblika tal-Bulgarija,
- it-territorju tar-Repubblika Ċeka,
- it-territorju tar-Renju tad-Danimarka, minbarra l-Gżejjer Faroe u l-Groenlandja,
- it-territorju tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, minbarra l-Gżira ta' Heligoland u t-territorju ta' Büsingen (it-Trattat tat-23 ta' Novembru 1964 bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Konfederazzjoni Żvizzera),
- it-territorju tar-Repubblika tal-Estonja,
- it-territorju tal-Irlanda,
- it-territorju tar-Repubblika Ellenika,
- it-territorju tar-Renju ta' Spanja, minbarra Ceuta u Melilla,

- it-territorju tar-Repubblika Franċiża, minbarra l-pajjiżi u t-territorji Franċiżi extra-Ewropej li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, iżda inkluż it-territorju ta' Monaco kif definit fil-Konvenzjoni Doganali ffirmata f'Pariġi fit-18 ta' Mejju 1963 (Journal officiel de la République française tas-27 ta' Settembru 1963, p. 8679),
- it-territorju tar-Repubblika tal-Kroazja,
- it-territorju tar-Repubblika Taljana, minbarra l-muniċipalitá ta' Livigno,
- it-territorju tar-Repubblika ta' Ċipru, skont id-dispożizzjonijiet tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003,
- it-territorju tar-Repubblika tal-Latvja,
- it-territorju tar-Repubblika tal-Litwanja,
- it-territorju tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu,
- it-territorju tal-Ungerija,
- it-territorju ta' Malta,
- it-territorju tar-Renju tan-Netherlands fl-Ewropa,
- it-territorju tar-Repubblika tal-Awstrija,

- it-territorju tar-Repubblika tal-Polonja,
- it-territorju tar-Repubblika Portugiża,
- it-territorju tar-Rumanija,
- it-territorju tar-Repubblika tas-Slovenja,
- it-territorju tar-Repubblika Slovakka,
- it-territorju tar-Repubblika tal-Finlandja,
- it-territorju tar-Renju tal-Iżvezja, u
- it-territorju tal-Arei ta' Bażi Sovrana tar-Renju Unit ta' Akrotiri u Dhekelia kif definit fit-Trattat dwar l-Istabbiliment tar-Repubblika ta' Ċipru, iffirmit f'Nicosia fis-16 ta' Awwissu 1960.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

---